22 ta' Jannar, 2007.

## L-MLP jaħseb li kulħadd bħalu

Waqt laqgha pubblika f'Ħal Safi, l-Ewro-Parlamentari Simon Busuttil qal li l-attakk sfrenat li l-Partit Laburista qed jagħmel kontra l-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika huwa aġir perikoluż u rresponsabbli li jista' jagħmel ħafna ħsara lill-pajjiż fis-sena li se ssir it-talba biex pajjiżna jaddotta l-munita ewro.

Dr Busuttil qed li huwa ċar li l-intenzjoni tal-Partit Laburista huwa li jimmina l-kredibilita' ta' dan l-Uffiċċju biex jipprova jagħti gambetta lill-Gvern u lill-pajjiż f'mument li wasalna fl-aħħar tat-triq lejn l-ewro. Huwa qal li dan juri kif għall-Partit Laburista l-interess tal-partit jiġi qabel l-interess tal-pajjiż. Iżda jiżbalja l-Partit Laburista jekk jaħseb li kulħadd bħalu lest ibazwar minflok jagħmel l-affarijiet bis-serjeta', qal id-deputat Simon Busuttil.

Dr Busuttil spjega kif huma biss il-pajjiżi li jgħaddu minn sensiela ta' testijiet iebsa, bħad-defiċit u l-inflazzjoni, li jistgħu jaddottaw l-ewro. Għaldaqstant, il-fatt biss li pajjiżna jaddotta din il-munita se jkun minnu nnifsu ċertifikat ta' kemm il-pajjiż mexa 'l quddiem.

Dr Busutti faħħar il-ħidma tal-kumitat responsabbli mill-bidla għall-ewro, in-NECC, u appella biex f'din l-aħħar sena jsir sforz nazzjonali biex kulħadd ikun mgħarraf sew dwar il-munita ġdida li se jkollna fil-but xi ftit taż-żmien.

Id-diskussjoni kienet indirizzata wkoll mis-Segretarju Parlamentari ghan-negozji u *self-employed* Edwin Vassallo li tkellem dwar l-akkwisti li għamlu n-negozji żgħar minn sħubija fl-Unjoni Ewropea kif ukoll il-membru parlamentri Robert Arrigo li tkellem dwar l-impatt tas-sħubija fuq oqsma oħra, fosthom il-qasam tat-turiżmu.

Id-diskussjoni kienet wahda minn sensiela ta' laqgħat li qed jittellgħu kull nhar ta' Hadd miż-żewġ ewro-parlamentari Nazzjonalisti Simon Busuttil u David Casa f'lokalitajiet differenti f'Malta u Ghawdex bit-tema "Familja Wahda".

Id-diskussjoni ta' nhar il-Ħadd li ġej se ssir is-Siġġiewi.

...........................................................

**Office of Simon Busuttil MEP**

Kevin Mizzi in Valletta: (356) 21228585

Elaine Cordina in Brussels: (0032) 02 284 5686